MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr

Id-Disa' Leġislatura

Seduta Numru 09.31, il-Tnejn, 20 ta' Lulju, 2026

Il-Kunsill Lokali tal-Imġarr issejjaħ fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab f' 22, Triq Sir Harry Luke, l-Imġarr sabiex jiltaqa' għal-Laqgħa tal-Kunsill numru 31 tad-Disa' Leġislatura, nhar it-Tnejn 20 ta' Lulju 2026, fil-5:30pm.

Din il-laqgħa ixxandret '*live*' permezz tas-sistema tal-'*online streaming*' kif wkoll kienet miżmuma bis-sistema tal-'*Video On Demand*' u mtella' fuq il-paġna tal-Kunsill http://mgarrlc.com/live-stream/

PREŻENTI	Paul Vella	Sindku
	Odette Muscat	Kunsilliera
	Charles Said	Kunsillier
	Owen Galea	Kunsillier
	Cyprian Dalli	Segretarju Eżekuttiv
PREŻENTI B' MOD VIRTWALI	Ħadd	
ASSENTI B' APOLOĠIJA	Ħadd	
ASSENTI	Wistin Vella	Viċi Sindku
MEMBRI TAL-PUBBLIKU	Ħadd	

----- MINUTI -----

Preamboli u Aġenda

i. Il-laqgħa bdiet fis-5:44pm.

ii. Il-laqgħa xxandret dirett fuq il-paġna elettronika tal-Kunsill permezz tas-sistema tal-live streaming.

iii. Il-laqgħa tmexxiet fuq l-aġenda segwenti:

31.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

31.02 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

31.03 Kommunikazzjoni mis-Sindku

31.04 Korrispondenza

31.05 Temi oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

31.06 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda tal-Pagamenti

31.07 Proġetti tal-Kunsill : l-aħħar żvilluppi

31.08 Bordijiet ta' Evalwazzjoni ta' Sejħiet tal-Offerti

31.09 Preparazzjoni għall-Festa ta' Santa Marija 2026

31.10 Data għal-laqgħa li jmiss u tmiem tal-laqgħa

31.01 Qari tal-ittri ta' apoloġija

31.01.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija għal din il-laqgħa.

31.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

31.02.01 Il-minuti tal-aħħar laqgħa ġew mibgħuta minn qabel lill-membri kollha tal-Kunsill u għalhekk ġew meqjusa bħala moqrija.

31.02.02 Għaldaqstant, il-minuti tal-aħħar laqgħa ġew approvati unanimament mill-membri tal-Kunsill u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

31.03 Kommunikazzjoni mis-Sindku

31.03.01 Is-sindku informa dwar ix-xogħol ta' Triq San Filippu (il-biċċa ta' ġewwa) li kien ippjanat li jkun lest sal-aħħar tal-ġimgħa ta' wara.

31.03.02 Issemma il-proġett tal-pavimentar ta' madwar il-knisja parrokkjali. Il-pavimentar kien prattikament lest, u wara jkun jonqos ir-rampi li ser isiru flok dawk tal-injam. Ser issir ukoll rinnovament tal-fanali tad-dawl ta' fuq iz-zuntier min-naħa tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi, filwaqt li ser isiru qsari u planters ġodda u xo bollards ġodda wkoll. Meta jingħalaq il-proġett, isir ir-raised pedestrian crossing fil-ġenb tal-knisja.

31.04 Korrispondenza

30104.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq numru ta' ċirkolari u korrispondenza oħra mingħand id-Dipartiment għal-Gvern Lokali, l-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali u entitajiet oħra. L-aktar importanti minn dawn kienu mwassla lill-membri tal-Kunsill immedjatament malli jaslu permezz tas-sistema elettronika.

31.04.02 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq kommunikazzjoni minn Dr Audrey Demicoli minn Transport Malta. Fiha, il-Kunsill ġie mgħarraf li ma kienx ser jinħareġ permess għat-traffic-lights mitluba fi' Triq Binġemma u lanqas fi' Triq Fisher. Il-Kunsill reġa ddiskuta it-talba ta' traffic Lights għal Triq Binġemma.

31.04.03 Issemmew li l-Kunsill kien ressaq żewġ rappreżentazzjonijiet quddiem l-Awtorita' tal-Ippjanar dwar PA 04561/26 u PC 00045/22. Dawn saru b' mod immedjata peress li kien hemm żmien qasir fejn wieħed seta' jissottometti.

31.05 Temi Oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

31.05.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill ir-risposta għall-Management Letter tal-Awdituri wara il-proċess tal-awditjar għas-sena 2025. Ir-risposta kienet maqbula unanimament mill-Kunsill u wara li ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv, ser tintbgħat lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika u lill-Awdituri.

31.05.02 Intbgħatet ittra fid-djar tar-residenti kollha tal-Imġarr dwar il-pjan tal-immaniġjar tat-traffiku li ser jidħol fis-seħħ fil-jiem li ġejjin. Dwar dan, qed isir ukoll ftehim mal-Malta Public Transport dwar ir-rotot ġodda tas-servizz tat-trasport pubbliku kif ukoll dwar bus-stops li ser ikun hemm bżonn.

31.05.03 Is-Segretarju Eżekuttiv inofrma li l-Kunsill kien qiegħed jiġbor kwotazzjonijiet dwar cloud-based accounting systems skont id-direttivi tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali. Dawn issa ser jiġu evalwati u l-Kunsill għandu jiġi infurmat dwar dan fil-laqgħa li jmiss.

31.05.04 Il-Kunsill iddiskuta diversi rapporti dwar ħaxix ħażin f' dicversi toroq tal-lokalita'. Filwaqt li qed isir xogħol dwar dan mill-ħaddiema tad-Diviżjoni tal-Indafa u Manutenzjoni Pubblika, xorta qed jifdal ħafna x' isir.

31.06 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda tal-Pagamenti

31.06.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda tal-pagamenti Numru 7/2026, li kienet tammonta għall-€61,658.94 fi' ħlasijiet relatati max-xogħlijiet u s-servizzi tal-Kunsill, kif ukoll €4,341.17 fi' flus miġbura għall-entitajiet, għal total ta' €66,000.11.

31.06.02 Din l-iskeda ġiet approvata unanimament mill-membri tal-Kunsill preżenti, u ġiet iffirmata mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku u żewġ membri oħra tal-Kunsill.

31.07 Proġetti tal-Kunsill : l-aħħar żvilluppi

31.07.01 Dwar dan il-punt, il-Kunsill kien diġa' iddiskuta aktar qabel matul din il-laqgħa.

31.08 Bordijiet ta' Evalwazzjoni ta' Sejħiet tal-Offerti

31.08.01 Il-Kunsill approva il-membri tal-bordijiet tal-evalwazzjoni għas-sejħiet tal-offerti li l-Kunsill għandu miftuħa bħalissa. Dawn huma:

- *MGR 01/2026 : SERVIZZ TA' ĠBIR TA' SKART GOFF BL-UŻU TA' VETTURI B'EMISSJONIJIET BAXXI GĦALL-KUNSILL LOKALI TA' L-IMĠARR*
  Adrian Mifsud, Gerald Vella u Daniel Galea

- *MGR 02/2026 : ŻAMMA U MANUTENZJONI TA' PASSAĠĠI, TOROQ PEDENALI U XOGĦLIJIET ĊIVILI U ANĊILLARJI OĦRA GĦALL-KUNSILL LOKALI TA' L-IMĠARR*
  Adrian Mifsud, Gerald Vella u Etienne Magri

- *MGR 03/2026 : XOGĦOL TA' KOSTRUZZJONI F' SIT RURAL GĦAL PARK TA' MISTRIEĦ F' TA' DARRENZI, L-IMĠARR*
  Adrian Vella, Gerald Vella u Kamil Pierwola

- *MGR 04/2026 : SERVIZZ TA' MANUTENZJONI, TINDIF, TNAQQIJA U TISQIJA TA' POSTIJIET PUBBLIĊI U SOFT-AREAS U QTUGĦ TA' ĦAXIX FIT-TOROQ RURALI FL-IMĠARR, B'METODI FAVUR L-AMBJENT*
  Adrian Vella, Gerald Vella u Daniel Galea

31.09 Preparazzjonijiet għall-Festa ta' Santa Marija

31.09.01 Il-Kunsill informa li kienet ser issir il-laqgħa ta' koordinament dwar il-festa nhar it-Tnejn 22 ta' Ġunju u nħarġu in-notifiki tal-Gazzetta tal-Gvern mill-Pulizija tal-Mosta ftit tal-jiem wara.

31.09.02 Ir-residenti ser ikunu nfurmati bit-toroq u l-clearances kollha permezz tal-medja soċjali tal-Kunsill b' posts regolari.

31.09.03 Qed isir arranġamenti mad-Diviżjoni tal-Indafa u l-Manutenżjoni pubblika biex jiżdied is-servizz matul il-jiem tal-festa.

31.09.04 Dwar stediniet li jsiru lill-membri tal-Kunsill, ser ikunu qed jintbgħatu lill-membri permezz tal-email.

31.10 Data għal-laqgħa li jmiss u tmiem tal-laqgħa

31.10.01 Qabel tmiem il-laqgħa, ġie maqbul li l-laqgħa ta' wara ssir it-Tnejn10 ta' Awwissu 2026 u ta' wara ssir it-Tnejn 14 ta' Awwissu, dejjem fil-5:30pm.

30.11.02 Is-Sindku iddikjara il-laqgħa magħluqa fis-7:10pm.

Paul Vella **Cyprian Dalli**

Sindku Segretarju Eżekuttiv

Approvati llum, _____ , _____ tax-xahar ta' _____,tas-sena _____ .